MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru. 992/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**GEORGE CORTIS**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Cortis, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 835955 (M).

## Akkuzat talli:

Bejn is-sena 2012 u s-sena 2013 x'imkien gewwa dawn il-gzejjer ta` Malta, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li tkun giet fdata ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifika l-

ammopnt ta` elf ewro, disa` mija u hdax u tmien centezmi tal-ewro (€1,911.08) flimkien ma` xi cwievet u dokumenti. Dan huwa aggravat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta` flus li jammontaw ghal elf ewro, disa` mija u hdax u tmien centezmi tal-ewro (€1,911.08), li ghalhekk ma jeccedux l-elfejn ewro, tlett mija u tletin (€2,330), liema serq sar ukoll kkwalifikat bil-valur, u bil-hin ghad-detriment tal-familji li joqghodu gewwa Blokk B, Binja Santa Lucija, Mtarfa.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 293, 294, 261 (c) (f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------